kitba ta' **Rosario Mizzi** B.Sc.(Hons) Comm Ther



# Il-knisja Parrokkjali – 225 sena kkonsagrata

Nhar it-2 ta' Mejju 1784 kien jum importanti ħafna għall-komunita Għaxqija. Kien il-jum li fih il-poplu Għaxqi ra waħda mill-ħolmiet tiegħu ssir rejaltà. Kien il-jum li fih l-Isqof Vincenzo Labini, fil-preżenza tal-kleru tal-parroċċa u l-poplu kollu Għaxqi, ikkonsagra l-knisja parrokkjali[1]. Dan kien, u għadu, rit importanti ħafna għall-insara, għax jimmarka l-bdil ta' binja, f'maqdes u post ta' qima lejn Alla. Imma fuq kollox, il-konsagrazzjoni tal-knisja timmarka solennement li dak huwa l-post fejn jgħammar il-Mulej fil-misteru tas-sagrament tal-Ewkaristija u b'hekk jagħmel il-knisja d-dar ta' Alla fuq l-art.




Lapida tal-irħam interzjat li tfakkar il-Jum tal-Konsagrazzjoni tal-knisja ta' Ħal Għaxaq. Din tinsab fuq il-Pilastru maġġur faċċata tal-artal Maġġur.

## Preparazzjoni għall-Jum tal-konsagrazzjoni

Ir-Rit tal-konsagrazzjoni kien daqsxejn differenti minn dak tal-lum. Kien rit speċifiku li kellu ħafna tifsiriet spiritwali. Għal din il-ġurnata, l-poplu kien ikun ilu jipprepara snin. Fil-fatt il-knisja ta' Ħal Għaxaq tlestiet mill-ġebla fl-1756[2]. Kellhom jgħaddu 28 sena oħra sakemm waslet il-konsagrazzjoni tal-knisja. Fil-fatt f'dawn is-snin il-knisja kienet qed tiġi armata bil-mod, nistgħu ngħidu bħal meta tkun qed tibni dar. Meta tlesti d-dar mil-ġebel, ikun jonqsok ħafna affarijiet oħra x'tagħmel qabel tkun tista' toqgħod fiha. Barra minn hekk, sabiex knisja setgħet tiġi kkonsagrata, kien jenħtieġ li tkun lesta u li ma jkunx hemm dejn fuqha biex il-komunita tkun lesta li tgħaddiha f'idejn l-Isqof[3]. B'hekk jinftiehem id-dewmien li kien hemm mit-tlestija tal-knisja għall-konsagrazzjoni. Ma ninsewx li għad-daqs tal-popolazzjoni ta' Ħal Għaxaq ( li kien jgħodd madwar 1054 ruħ dak iż-żmien[4]) l-Għaxqin kienu qed jibnu tempju majestuż li jħabbatha faċilment mal-knejjes tal-ibliet. Ma ninsewx li fi żmien li fih tlestiet il-knisja, il-knisja ta' Ħal Għaxaq kienet il-ħames l-akbar knisja f'Malta, b'tul ta' 158 pied. Itwal minnha kien hemm biss il-Kon-Katidral ta' San Ġwann (187 pied), il-Katidral tal-Imdina (170 pied), Sant' Elena f'Birkirkara (177 pied) u San Filep f'Ħaż-Żebbuġ (165 pied).[5]

F'dawn it-28 sena tkompla x-xogħol fuq l-iskultura minn ġewwa tal-knisja. Jidher li din kienet kawżi lesta għal madwar is-sena 1777, meta l-isqof Mons. Giovanni Carmine Pellerano għamel żjara l-parroċċa u sab li l-altari kollha kellhom l-iskultura ta' madwarhom lesta[6]. Naqra, naqra bdew jinbidlu l-kwadri ta' fuq l-altari. Għall-ewwel komplew jużaw il-pitturi li kien hemm fil-knisja parrokjali ta' qabel. Imbagħad l-artisti.




Detall tal-iskultura fil-kappellun tal-Agunija

Gian Nikol Buhagiar u Francesco Zahra bdew ipittru kwadri ġodda biex wieħed, wieħed l-altari kellhom pitturi ġodda, l-istess li għadna ngawdu llum. Skont dati mpittrin fuq il-kwadri stess, il-kwadri tlestew bejn is-snin 1741 (tal-Grazzja) u 1775 (Tal-Kunċizzjoni). Il-parti kbira tal-kwadri saru bejn is-snin 1741 u 1750 fejn f'dawn id-9 snin saru l-kwadri

tal-Grazzja, l-Annunzjata, Santa Marija (Kor), tar-Rużarju, u San Ġużepp. L-aħħar kwadru biss sar minn artist ieħor, l-kwadru tal-Kunċizzjoni, peress li l-artist Francesco Zahra laħaq miet u dan tpitter minn Rokku Buhagiar[7].

Jidher li t-tmien kwadri żgħar li kien hemm fl-erbgħa truf tal-knisja (tnejn f'kull ġenb tal-bieb il-kbir, tnejn fil-kor u tnejn f'kull kappellun) kienu ġa f'posthom fil-konsagrazzjoni tal-1784. Dawn il-kwadri saru f'epoki differenti u l-awturi tagħhom mhux kollha nafu minn huma. Dawk tal-kor huma attribwiti lil Francesco Zahra u għalkemm m'għandniex indikazzjoni ta' data jidher li saru fl-istess żmien tal-kumplament tal-Kwadri l-oħra. It-tnejn li hemm fil-kappellun tal-Agunija jidher li saru minn Gian Nikol Buhagiar. Pero hemm dubbji fuq il-kwadru ta' Kristu fl-ort li ma tantx jaqbel fl-istil tax-xogħol ta' Gian Nikol. Il-kwadru ta' San Mikiel jingħad li kien fil-knisja ta' qabel. Jidher li dan il-kwadru tkabbar biex seta joqgħod fl-ispazju li għandu fil-knisja parrokkjali preżenti. Dak ta' Santa Katarina jingħad li nġieb minn xi knisja oħra. Dan il-kwadru huwa ferm interessanti. Ġie attribwit lil diversi artisti. L-ilbies ta' Santa Katarina jfakkrek ħafna fill-mod u l-kuluri li Mattia Preti pitter lil din il-qaddisa fi knejjes oħra, speċjalment fil-knisja arċipretali taż-Żurrieq. Iż-żewġ kwadri ta' fuq il-bieb il-kbir juru l-anġlu Kustodju u lil San Girgor. Jidher, li bħal fil-każ tal-kwadru ta' San Mikiel, dawn ukoll tkabbru u jingħad ukoll li dawn kellhom posthom fit-tieni knisja parrokkjali. Jista' jkun li dawn il-kwadri kienu jagħmlu parti minn kawdri akbar ta' fuq l-altari u ġew modifikati biex joqogħdu fl-ispazji li għandhom llum. Ma ninsewx li dawn it-tliet qaddisin kollha kellhom kult importanti fit-tieni knisja parrokkjali. Wieħed jistenna l-interventi ta' restawr li ġa bdew fuq dawn it-tmint ikwadri biex forsi joħroġ aktar dawl fuq l-istorja tagħhom.

L-altari bdew ukoll jinksew bl-irħam. Fil-bidu l-altari kienu tal-ġebel. Imma sas-sena 1777 kien ġa hemm artali li kienu miksijin bl-irħam. Fil-vista pastorali tal-Isqof Mons. Giovanni Carmine Pellerano insibu li l-altar maġġur u ta' San Ġużepp kellhom l-irħam lest[8]. Pero mhux l-altari kollha kienu nksew bl-irħam sal-jum tal-konsagrazzjoni. Minn lapidi żgħar li hemm biswit xi artali nafu li l-altar tal-Kunċizzjoni sar fl-1901, tal-Karmnu sar fl-1890, u tar-Rużarju sar 1893. l-artali l-oħrajn ma nafux eżatt meta nksew bl-irħam[9]. L-art tal-knisja kienet għada biċ-ċangatura tal-Franka peress li l-paviment tal-irħam fil-knejjes kien xi ħaġa li daħlet ħafna aktar tard. Fil-każ tal-knisja ta' Ħal Għaxaq dan tħallas mis-Sur Gużeppi Slythe fl-1908[10].

Il-ħitan tal-knisja ma kienux miżbugħin kif narawhom illum. Iż-żebgħa fil-knisja saret f'nofs is-seklu għoxrin u fil-fatt għandna ritratti li juru l-knisja għadha fuq il-fil, iġifieri bla żebgħa u fuq il-ġebla. Iż-żebgħa u l-induratura tal-knisja kif narawha llum saret pjuttost recenti. Bdiet fil-bidu tas-seklu għoxrin, wara li tqaċċtet l-iskultura tal-kor u fil-fatt l-ewwel ma ġie miżbugħ u ndurat kien il-kor. Il-kumplament tal-knisja sar wara għal ħabta tas-snin 60-70. Is-saqaf tal-knisja wkoll ma kienx kif narawh illum. Il-pittura tas-saqaf hija wkoll xogħol recenti. Sar f'żewġ fażijiet. L-ewwel fażi kienet il-koppla u l-kor u saru mill-pittur Ġużeppi Vella li għamel xogħol ta' affresk. Dan ix-xogħol ġie inawgurat fl-14 t'Awissu 1947. Ġużeppi Vella laħaq miet u xogħolu tkompla mill-pittur Envin Cremona li pitter il-kumplament tal-knisja. Il-pittura ta' Envin Cremona inkixfet 1965[11].

## Jum il-Konsagrazzjoni – 2 ta' Mejju 1784[12]

Fi żmien il-konsagrazzjoni tal-knisja, iċ-ċerimonja tal-konsagrazzjoni kienet waħda ferm itwal minn tal-lum, nistgħu ngħidu l-itwal ċerminonja fil-knisja. Kienet tibda minn ġurnata qabel. Lejliet il-konsagrazzjoni, li fil-każ tagħna kien 1 ta' Mejju, 1784, kien ikun jum ta' sawm u astinenza għal parroċċa kollha. Il-knisja kienet tinżamm żarmata u magħluqa. Fl-istess ġurnata l-Isqof kien jasal fil-parroċċa u jġib miegħu relikwi biex jitpoġġew fuq il-mensola tal-artal maġġur u artali oħrajn li kienu jkunu ser jiġu kkonsagrati. Fil-każ tal-knisja tagħna, għandna konferma, permezz ta' lapida ħdejn l-artal tal-Madonna tal-Grazzja li fl-1 ta' Mejju 1784 ġew ikkonsagrati l-altari tal-Annunnzjata u tal-Grazzja[13]. Pero wieħed ma jeskludix li fl-istess ġurnata ġew ikkonsagrati l-altari kollha tal-ġnub billi jindilku biż-żejt mbierek u fil-mensola tagħhom jitpoġġew ir-relikwi tal-qaddisin patruni ta' dak l-altar. L-uniku altar ikkonsagrat mal-knisja kien ikun l-altar maġġur. Ir-relikwi tal-altar maġġur kienu jittieħdu fi translazzjoni solenni għal xi knisja oħra, fil-każ tagħna aktarx li kienet il-kappella ta' San Filippu li kienet għadha kif tlestiet. Ir-relikwi kienu jitħallew hemm sal-ġurnata tal-għada.

Fil-jum tal-konsagrazzjoni, ċ-ċerimonja kienet tibda minn kmieni fil-għodu. Kif jasal l-Isqof liebes, ilbies pontifikali, kien jiġi milqugħ mil-kleru (dak iż-żmien kienu 17-il qassis u ħames kjeriċi) immexxija mil-kappillan tal-parroċċa li dak iż-żmien kien Dun Arkangelo Farrugia. Għall-okkażjoni kienu jistiednu ukoll il-GranMastru tal-Ordni, pero m'għandiex ħjiel eżatt jekk dan ġarax fil-każ ta' Ħal Għaxaq. L-ewwel parti taċ-ċerimonja kienet id-dlik tal-ħitan tal-knisja minn barra b'taħlita ta' ilma mbierek, żejt u rmied. Dan it-tberik kien isir sebgħa darbiet. Wara l-Isqof iħabbat mal-bieb il-kbir. Djaknu fuq ġewwa liebes l-aħmar kien iwieġeb għas-sejħa tal-Isqof u kien jiftaħ il-bieb. L-Isqof, bil-kongregazzjoni kollha warajh kien jidħol il-knisja u kien jibqa' tielgħa sa taħt il-koppla. Hemm kien ikun hemm salib forma ta' X (salib ta' Sant Andrija). L-Isqof kien iħażżeż l-Alpha

(A) u l-Omega (ż) fuq kull fergħa tas-salib, ad unur ta' Dak li la għandu bidu u l-anqas tmiem.

Wara kien jibda tberik tal-ħitan minn ġewwa waqt il-kant tas-salmi. Dan it-tberik kien iwassal għad-dlik tas-slaleb tal-konsagrazzjoni. Dawn is-slaleb jirrappreżentaw it-tnax-il appostlu. Bħal ma l-appostli huma s-sisien tal-Knisja Kattolika, hekk ukoll l-islaleb tal-konsagrazzjoni ikunu mwaħħlin mal-pilastri maġġuri tal-knisja li jżommu l-knisja b'saħħitha u fuq saqajha. Dawn is-slaleb kienu jindilku mil-Isqof b'taħlita ta'żejt u balzmu. Din it-tidlika tfakkarna fl-antik testment meta nies kienu jiġu kkonsagrati lil Alla permezz tad-dlik biż-żejt imbierek u l-balzmu.



Wieħed mis-slaleb tal-konsagrazzjoni. Minn dawn kull knisja għandha 12. F'Ħal Għaxaq dawn is-slaleb huma mżejna b'par puttini mnaqqxa fil-ġebel, kull par differenti minn ieħor.

Normalment iċ-ċerimonja kienet tkompli bit-translazjoni tar-relikwi tal-martri. Għalhekk kienet toħroġ purċissjoni mill-knisja sal-post fejn kienu miżmuma r-relikwi minn ġurnata qabel. Ir-relikwi kienu jinġarru minn erba' djakni libsin dalmatika ħamra fuq bradella żgħira. Warajhom kien jimxi l-Isqof u l-kongregazzjoni kollha. Mal-wasla lura l-knisja kienet tibda ċ-ċerimonja tal-konsagrazzjoni tal-artal maġġur. L-Isqof kien ipoġġi r-relikwi taħt il-mensa tal-artal. Wara l-artal kien jindilek bil-balzmu waqt li żejt u inċens kienu jinħarqu bl-akkumpanjament ta' kant mis-saċerdoti. Fl-aħħar kienet tinfirex terħa tal-ħarir fuq l-artal. Dan kien iwassal għat-tmiem taċ-ċerimonja.

## Konklużjoni

Din is-sena qed infakkru 225 sena mil-konsagrazzjoni tal-knisja parrokkjali. Għandna x-xorti li matul dawn is-snin kollha ma kienx hemm tibdil fil-bini tal-knisja. B'hekk il-knisja li waslet sa għandna hija l-knisja oriġinali kif iddisinjaha l-arkitett Sebastiano Saliba. Sfortunatament tlifna ftit mill-iskultura barokka li kienet iżżejjen aktar din il-knisja, speċjalment fil-kor, imma għal grazzja t'Alla ma tlifniex kollox u b'hekk nistgħu nimmaġinaw ftit kif seta' kien jidher il-kor billi nħarsu lejn il-kappelluni.



Il-Faċċata barokka tal-knisja, tixhed l-influwenza ta' Lorenzo Gafà fuq il-perit Sebastian Saliba.

Illum qed naraw aktar interess fil-bini tal-knisja u fl-opri li jżejnuha. Dan l-interess huwa wieħed speċjali u ta min ifaħħru u j'alla bħala Għaxqin nkomplu nikbru f'dan il-qasam. L-anniversarju tal-konsagrazzjoni tal-knisja għadu kif ġie iċċelebrat fl-ewwel ġimgħa ta' dan ix-xahar. Il-motto li ntagħżel għal dawn iċ-ċelebrazjonijiet kien "Familja waħda fil-knisja ta' Kristu". Huwa fi dmir tagħna li nibżgħu u nkomplu nżejnu l-knisja tal-ġebel, għax din hija d-dar tal-Emmanuel – Alla Magħna. Imma ma ninsewx li barra l-knisja tal-ġebel, hemm il-knisja ħajja. San Pawl jgħidilna li aħna tempji tal-Ispirtu s-Santu. Alla jrid jgħammar fina wkoll. Inutli jkollna tempju sabiħ, imma vojt minn nies li jfittxu lil Mulej fih. Dan li jagħmel id-differenza bejn knisja u Mużew jew Palazz. Nista' nidħol fi knisja biex ngħid kemm hawn sabiħ u nerġa noħroġ il-barra. Imma bħala Nisrani, jien nidħol il-knisja biex infittex u nfaħħar lil Alla u l-opri tal-arti jkomplu jgħinuni nidħol f'dan l-ispirtu. Il-festa tal-konsagrazzjoni tal-knisja mhix biss il-konsagrazzjoni tal-ġebel, imma tal-poplu kollu. Dan l-anniversarju għandu jgħinna biex inġeddu din il-konsagrazzjoni tagħna lkoll lil Alla.

**Referenzi**

Din l-informazzjoni hija mnaqqxa fuq lapida li tfakkar il-konsagrazzjoni u li qiegħda mwaħħla faċċata tal-artal maġġur bejn il-pilastri maġġuri tan-naħa tal-lemin.

Din id-data hija mnaqqxa fuq it-tieqa tal-faċċata tal-knisja minn ġewwa u timmarka d-data meta l-knisja ġiet imsaqqfa. Wara din

id-data kien għad fadal xogħol fuq il-koppla u l-kampnari kif jixhed ir-rapport taż-Żjara tal-Isqof Rull fl-1759.

*Il-Knisja ta' Ħal Għaxaq – 200 sena kkonsagrata.* Uffiċċju Parrokjali, (1984).

V. Zammit (2006) "Ħal Għaxaq fi żmien il-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann: Kunsiderazzjoni Soċjali". – Vella, H. *Ħal Għaxaq u niesu.* Malta (2006, 115)

*Il-Knisja ta' Ħal Għaxaq – 200 sena kkonsagrata.* Uffiċċju Parrokjali, (1984).

A. Vella (2006) "L-Istorja Ekklesjastika ta' Ħal Għaxaq". - Vella, H. *Ħal Għaxaq u niesu.* Malta (2006, 86)

M'hemmx qbil fuq l-artisti li ħadmu l-kwadri, pero d-dati tagħhom (b'eċċezzjoni tal-Agunija) jidhru fuq il-kwadri stess u għalhekk nistgħu nieħduhom f'dokument. Rigward l-artisti, r-rota dejjem id-dur bejn Gian Nikol Buhagiar u Francesco Zahra. Awturi differenti jattribwixxu l-kwadri daqqa lil wieħed u daqqa lil ieħor. L-uniku qbil jidher li jeżisti fuq l-awtur tal-kwadru tal-kunċizzjoni – Rokku Buhgiar. Għal aktar informazzjoni ara Mizzi (2005) "Il-Kwadru ta' San Ġużepp fil-knisja parrokjali ta' Ħal Għaxaq" – Publikazzjoni tal-Festa – Għaqda Mużikali San Ġużepp, Vella (2006) ibid u Sagona (2008) *Teżori fil-Knejjes Maltin* Vol.12

A. Vella ibid (2006, 87)

A. Vella ibid (2006, 87, 90)

Din l-informazzjoni hija mnaqqxfa f'lapida fl-irħam li tidher fil-paviment tal-knisja f'nofs il-korsija, eżatt bejn il-bibieb tal-ġnub.

Sagona, M. (2008) ibid

Informazzjoni ppublikata f'*Il-Knisja ta' Ħal Għaxaq – 200 sena kkonsagrata*. Uffiċċju Parrokjali, (1984)

A. Vella ibid (2006)



**Bonnici Garage**
(Prop. David Bonnici)

**Triq is-Salib, Ħal Għaxaq**
**Tel: 2180 3645 Mobile: 9983 4778**

*For all kinds of Steel Fabrications & Welding*

*Mario Buhagiar*

**For Hire of Tower Ladders**



**Tel: 9944 0765**